

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Reviżjoni tal-Edukazzjoni”

(2013/C 139/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jappoġġja s-sejħa biex jissaħħu l-isforzi rigward l-iżvilupp ta’ ħiliet transversali, partikolarment il-ħiliet intraprenditorjali;
- iqis li huwa essenzjali li jinħolqu r-rabtiet bejn it-tagħlim informali u mhux formali u l-edukazzjoni formali. Jiġri ta’ spiss wisq li l-iżvilupp tal-kurrikulu fil-livell sekondarju jkun iffukat fuq il-kisba tal-informazzjoni, pjuttost milli jiffoka fuq it-tisħiħ tal-fehim, it-tagħlim ta’ ħiliet ewlenin u l-iżvilupp tal-ħiliet biex wieħed jiffaċċja u jsib triqtu f’din id-dinja;
- iqis li, fil-klima ekonomika attwali, huwa essenzjali li nagħrfu l-importanza li jiġu kkombinati l-investiment pubbliku u dak privat fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Mhuwiex biss importanti imma vitali li jkun hemm politiki totalment inklużivi;
- jissottolinja li fir-rigward tal-multilingwiżmu u litteriżmu medjatiku, il-partikolarità tal-bżonnijiet tat-tagħlim u l-kurrikula li jinbidlu malajr ħafna, hemm bżonn ta’ investimenti fl-istrumenti tat-tagħlim, sħubijiet b’ambitu usa’ u viġilanza kontinwa. L-ICT illiberat potenzjal enormi biex jittejbu r-riżultati tat-tagħlim;
- jilqa’ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tinvolvi l-partijiet interessati biex tmexxi ’l quddiem l-istrateġija proposta għar-“Reviżjoni tal-Edukazzjoni” fi sforz konġunt għal riforma u jafferma l-interess tiegħu biex titkompla l-ħidma mal-Kummissjoni Ewropea u msieħba oħrajn fil-qasam.

Relatur	is-Sinjura O'LOUGHLIN (IE/ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Kildare u l-Awtorità Reġjonali tal-Lvant Ċentrali
Dokument ta' referenza	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar COM(2012) 669 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kuntest ġenerali

1. jilqa' l-Komunikazzjoni dwar "Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar" ⁽¹⁾ bħala kontribut f'waqt u siewi biex jitnieda proċess imġedded għall-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ li huma moderni u effettivi;

2. iqis, madankollu li t-titolu "Reviżjoni tal-Edukazzjoni", li jixraqlu enfasi usa' minn dik iddikjarata fil-Komunikazzjoni, m'għandux jinsa l-għanijiet taċ-ċittadinanza attiva, l-iżvilupp personali u l-benesseri, minkejja li hemm bżonn li jittejbu l-kompetenzi sabiex ikun hemm impjegabbiltà u t-tkabbir, kif ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-seklu 21 bħat-tibdil fil-klima, it-tixjiħ u l-migrazzjoni;

3. jenfasizza l-fatt li l-pakkett tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-edukazzjoni jistabbilixxi prijoritajiet ta' politika għas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għas-sinjura li ġejjin, u li parti essenzjali mill-prijoritajiet għandha tkun l-iżvilupp personali fir-rigward tal-edukazzjoni taż-żgħar, u jitlob lill-Istati Membri jġeddu l-enfasi fuq:

- il-KWALITÀ: għandhom jiġu provduti l-ħiliet it-tajba għall-post tax-xogħol;
- l-AĊĊESSIBILTÀ: liema huma dawk ir-riformi li ser iżidu l-effiċjenza u l-inklużività tal-edukazzjoni u jikkontribwixxu għat-tagħlim tul il-ħajja;
- il-FINANZJAMENT: x'rżorsi għandhom jintużaw u min għandu jiġi involut biex jitwettqu r-riformi relatati ma' azzjonijiet meħtieġa biex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ bħala l-ixpruni tat-tkabbir u l-impjeg fost iż-żgħażaġh. Dawn il-prijoritajiet huma konformi mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li saru lill-Istati Membri fis-Semestru Ewropew;

4. jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex ittejjeb u tinnova l-kunċetti tal-edukazzjoni intraprenditorjali u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll is-sejħa tagħha biex ikun hemm aktar investment sostenibbli fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jingħata rispons għall-isfidi marbuta mal-ekonomija globali u l-bidla fid-domanda għall-ħiliet u b'hekk jinholq it-tkabbir u jkun żgurati l-impjiegi;

5. jenfasizza li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tappella għal bidla radikali fl-edukazzjoni, b'aktar attenzjoni lir-"riżultati tat-tagħlim" – l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jiksbu l-istudenti. Il-Kumitat jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tal-edukazzjoni b'raba mal-motivazzjoni u l-kontenut, jiġifieri biex toħloq il-kundizzjonijiet għal tagħlim kontinwu;

6. iqis li t-tul ta' żmien li wieħed iqatta' fis-sistema edukattiva mhuwiex indikatur tajjeb ta' kemm wieħed ikun tgħallem. Kontenut edukattiv interessanti u rilevanti flimkien ma' metodi u ambjenti ta' tagħlim li jimmotivaw u li jkun effettivi, huma ħafna aktar importanti mit-tul ta' żmien li wieħed iqatta' fl-edukazzjoni. Barra minn hekk, jenfasizza li għad hemm bżonn li l-ħiliet tal-qari, il-kitba u l-għadd, inklużi l-għarfien finanzjarju bażiku u l-kompetenza diġitali jittejbu b'mod sinifi-kanti, u hemm bżonn jiġu żviluppati u jissaħħu l-ħiliet intrap-renditorjali u sens ta' inizjattiva. Hemm ukoll bżonn ċar biex jiġu analizzati u studjati t-tqassim u n-numru ta' sigħat tal-kurrikula fis-sistemi edukattivi Ewropej sabiex isir l-aħjar użu mill-ħin li jitqatta' fl-iskola mil-lat tal-prestazzjoni akkademika reali tal-istudent;

7. jaqbel mal-Istrateġija tal-OECD għall-Ħiliet (OECD Skills Strategy) ippubblikata fil-21 ta' Mejju 2012 li tikkunsidra li l-ħiliet saru munita globali tas-seklu wieħed u għoxrin. Il-valur ta' din "il-munita" jiddependi mill-prospetti ta' użu u mill-potezjal għal żvilupp. Mingħajr investment adatt fil-ħiliet, l-individwi jinfnew fix-xifer tas-soċjetà, l-iżvilupp teknoloġiku ma jissarraf fi tkabbir ekonomiku u l-pajjiżi ma jkunux jistgħu jibqgħu jikkompetu f'soċjetà globali li kulma jmur issir dejjem aktar ibbażata fuq l-għarfien. Imma din "il-munita" titlef il-valur tagħha hekk kif jevolvu r-rekwiżiti tas-swieq tax-xogħol u l-individwi jtilfu l-ħiliet li ma jużawx jew ma jiksbox ħiliet ġodda bħala parti mill-proċess ta' tagħlim tul il-ħajja;

⁽¹⁾ COM(2012) 669 final.

8. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ħiliet ma jissarfux f'imppjegi u tkabbir b'mod awtomatiku. L-Istrateġija tal-OECD tirrakkomanda l-promozzjoni tal-imparzjalità fl-opportunitajiet ta' edukazzjoni. Filwaqt li qed tinfirx aktar l-inugwaljanza f'ħafna oqsma tal-ħajja, l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jnaqqsu dan id-distakk. Għaldaqstant iqs li jekk titjeb l-imparzjalità fl-iżvilupp tal-ħiliet dan huwa soċjalment ġust kif ukoll ekonomikament effiċjenti. Barra dan, ir-riċerka ilha li kkonfermat li l-imparzjalità u l-kwalità fl-edukazzjoni mhux bilfors jeskludu lil xulxin, imma bil-maqlub: is-sistemi edukattivi li l-aktar jagħtu riżultati madwar il-pajjiżi tal-OECD huma dawki li jgħaqqdu flimkien il-kwalità u l-imparzjalità;

9. jenfasizza l-valur tal-perspettiva tas-sistema kollha li din l-Opinjoni tagħti dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, u jemmen li huwa importanti tiġi enfassizzata l-ħtieġa li jintużaw l-evidenza fattwali u l-prattiki tajbin fit-tfassil tal-azzjonijiet proposti u tar-riformi li hemm bżonn sabiex dawn is-sistemi jsiru aktar effiċjenti, flessibbli u rilevanti. Fl-istess ħin, jenfasizza l-missjoni wiesgħa tal-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-rwol tagħhom biex tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali u l-bżonn ta' appoġġ fil-livelli kollha – UE, nazzjonali, lokali u reġjonali;

Insaħħu l-ħiliet għas-seklu 21

10. jappoġġja s-sejħa biex jissaħħu l-isforzi rigward l-iżvilupp ta' ħiliet transversali, partikolarment il-ħiliet intraprenditorjali. Iqs li l-ewwel pass, fl-isforzi biex tintlaħaq id-domanda għall-ħiliet relatati max-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, il-matematika u r-riċerka u l-innovazzjoni, għandu jkun li niżguraw li kulħadd jikseb il-ħiliet fundamentali jew bażiċi, u li jinkludu l-kompetenza diġitali u għarfien finanzjarju bażiku. Huwa essenzjali li t-tagħlim tal-ħiliet intraprenditorjali, li ħafna minnhom huma relatati mill-qrib mal-ħiliet emozzjonali, jiddaħħlu fil-kurrikula tas-sistemi tal-edukazzjoni Ewropej kollha;

11. jisħaq li t-tagħlim fil-livelli kollha għandu juża ħafna aktar it-tagħlim f'timijiet, gruppi u networks, għax hija biss parti żgħira mill-ħajja tax-xogħol li tinvolvi xogħol solitarju u li wieħed isolvi l-problemi waħdu. Fl-attivitajiet kollha, it-trawwim tajjeb ta' sens ta' tim dejjem ikun mibni fuq l-għarfien, il-ħiliet u l-personalitajiet ta' nies differenti li jkunu kompatibbli u li jikkomplementaw lil xulxin;

12. jaqbel li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) għandhom ikun parti integrali u apprezzata fis-sistema edukattiva, partikolarment is-sistema doppja li tinvolvi t-tagħlim abbażi tax-xogħol. Il-pajjiżi li għandhom sistemi doppji żviluppatti ħafna għandhom tendenza li jmorru aħjar f'termini ta' impjieg taż-żgħażaġh. Iżda xorta waħda hemm aktar minn nofs l-Istati Membri fejn anqas minn 50 % tal-istudenti jippar-teċipaw fl-ETV. Għalhekk l-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw l-eċċellenza fl-ETV, jallinjaw il-ksib tal-ETV b'tali mod li jikkorrespondi mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol lokali, b'involvement qawwi mill-intrapriżi. Il-kwalifiki miksuba f'ċiklu qasir foqasma fejn hemm nuqqas ta' ħiliet, pereżempju, jistgħu jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet u jħallu impatt ġenwin fuq

l-imppjegi. Il-KtR jenfasizza li ċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiż jew reġjun għandhom jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp ta' sistemi edukazzjoni vokazzjonali doppji ta' livell għoli. Il-KtR jissuġġerixxi wkoll it-tneċija ta' programmi pilota biex jinkoraġixxu s-sistemi tal-edukazzjonii fil-pajjiżi li m'għandhomx sistema edukattiva doppja żviluppata biżżejjed sabiex jippro-movu l-apprendistati u jgħolqu rabta aħjar bejn it-taħriġ vokazzjonali u l-ambjent tax-xogħol;

13. jilqa' l-fatt li l-bżonn ta' strateġija tal-edukazzjoni intraprenditorjali fil-livelli istituzzjonali ġie rikonoxxut tajjeb mill-Ministri tal-Kunsill tal-Edukazzjoni fil-15 ta' Frar u jistenna li dan jissarraf malajr f'azzjoni konkreta mill-Istati Membri;

14. jagħraf l-importanza tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi edukattivi għall-intraprenditorjat madwar l-Ewropa kollha. Iqs li għandu tingħata attenzjoni speċjali biex jingħelbu d-disparitajiet u differenzi sinifikanti fl-iżvilupp tagħhom, kif intwerew mill-istħarriġ dwar l-intraprenditorjat fl-edukazzjoni għolja tal-2008 u kkonfermat fis-simpożju ta' livell għoli dwar l-edukazzjoni tal-intraprenditorjat li sar f'Budapest fl-2011;

15. jenfasizza li l-aċċess tal-istudenti għall-edukazzjoni intraprenditorjali jvarja u spiss huwa determinat fil-livell tal-istituzzjoni. Iqs li l-għalliema u l-edukaturi huma multiplikaturi importanti, imma fl-istess ħin hemm bżonn jiġi indirizzat, sa fejn ikun possibbli fl-ambjent tal-iskola, in-nuqqas eżistenti ta' fehim dwar x'tinvolvi l-edukazzjoni intraprenditorjali u kif tista' tiġi mgħallma; għaldaqstant jikkunsudra li l-Istati Membri, f'koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-korpi rilevanti li jagħtu appoġġ lin-negozji, għandhom jinkludu elementi tal-edukazzjoni dwar l-intraprenditorja fil-kontenut tal-kurrikulu rigward l-edukazzjoni bażika, it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni għolja;

16. jenfasizza l-importanza ta' qafas Ewropew għall-kompetenzi ewlenin, li fosthom l-edukazzjoni intraprenditorjali għet identifikata bħala importanti ħafna; għaldaqstant jissuġġerixxi li għandha tingħata attenzjoni kbira fuq it-taħriġ tal-għalliema dwar il-ħiliet intraprenditorjali, għalkemm it-tagħlim informali bejn l-imprendituri u l-istudenti għandu jiġi promoss b'mod estensiv wkoll.

17. jappella lill-fornituri tat-taħriġ lokali u reġjonali u lis-sistema tal-edukazzjoni biex jipprovdu aktar offerti mfasslin apposta (tagħlim formali u mhux formali) immirati speċifikament lejn it-taħriġ tal-persuni biex isiru imprendituri jew biex jiżviluppaw in-negozju tagħhom. Il-prattiki tajba mir-Reġjuni Intraprenditorjali Ewropej (EER) jistgħu jkunu sors importanti ta' ispirazzjoni f'dan ir-rigward. It-tikketta tal-premjuri Reġjun Intraprenditorjali Ewropew tal-Kumitat tar-Reġjuni hija eżempju tajjeb li juri li r-reġjuni jistgħu jiżviluppaw, bi spiża baxxa, strateġiji li jħarsu 'l quddiem b'fokus speċifiku biex iżidu l-ħiliet intraprenditorjali speċjalment fost iż-żgħażaġh, u b'hekk, jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' imprendituri u impjegi.

18. filwaqt li l-profiċjenza fil-lingwi barranin hija wieħed mill-elementi determinanti tal-mobbiltà professjonali u tat-tagħlim kif ukoll tal-impjegabbiltà nazzjonali u internazzjonali, il-Komunikazzjoni tikkonkludi li “r-riżultat tat-tagħlim tal-lingwi barranin fl-Ewropa huwa batut”: erba’ minn kull għaxar studenti biss jiksbu l-livell ta’ “utent indipendenti” fl-ewwel lingwa barranija, livell li jindika l-kapaċità li wieħed ikollu konversazzjoni sempliċi. Il-ħiliet lingwistiċi dgħajfin għalhekk jikkostitwixxu ostaklu ewlieni għall-moviment liberu tal-ħaddiema u għall-kompetittività internazzjonali tal-intrapriżi tal-UE. Dan jgħodd partikolarment f’żoni fejn iċ-ċittadini Ewropej jgħixu viċin il-fruntiera ta’ pajjiżi ġar li jkollu lingwa differenti. It-tagħlim tal-lingwi huwa meqjus ħafna aktar effettiv jekk jinbeda minn età żgħira u, fl-istess ħin, it-trawwim ta’ fehim reċiproku u l-iżvilupp ta’ sens ta’ ċittadinanza Ewropea jirrikjedu kuntatti sa minn età żgħira;

19. filwaqt li jagħraf il-progress li ntlaħaq s’issa, iqis li għad hemm potenzjal mhux sfruttat biex is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jaqdu aħjar ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali u biex jikkontribwixxu għall-prosperità tal-Ewropa, pereżempju billi jagħmlu użu mill-possibilitajiet ġodda li joffru t-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) u r-Riżorsi Edukattivi Miftuħa kif ukoll l-innovazzjoni miftuħa;

20. iqis li, fil-klima ekonomika attwali, huwa essenzjali li nagħrfu l-importanza li jiġu kkombinati l-investiment pubbliku u dak privat fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, jissottolinja l-ħtieġa ta’ prekawzjoni mill-effetti kollaterali mhux mixtieqa li jista’ jkun hemm, bħalma huma t-tnaqqis fl-aċċess tal-gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati għall-edukazzjoni u t-taħriġ. Mhuwiex biss importanti imma vitali li jkun hemm politiki totalment inklużivi;

21. iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, b’erba’ oqsma kkunsidrati essenzjali biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni u fejn l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom aktar:

— l-iżvilupp ta’ edukazzjoni vokazzjonali, ġenerali u kontinwa ta’ livell dinji sabiex jittejjbu l-għarfien akkademiku meħtieġ għat-tagħlim tul il-ħajja u l-kwalità tal-ħiliet vokazzjonali;

— il-promozzjoni ta’ tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol inklużi skemi ta’ taħriġ ta’ kwalità, apprentistati u mudelli ta’ tagħlim doppju biex jgħinu fit-tranżizzjoni mit-tagħlim għax-xogħol;

— il-promozzjoni ta’ shubbijiet bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati (biex jiġu żgurati kurrikula adegwati u provvedimenti ta’ ħiliet);

— il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim taż-żgħażaġh kollha sabiex it-tagħlim ikun aċċessibbli b’kundizzjonijiet uguali, irrispettivament minn fejn ikunu joqogħdu;

22. jilqa’, f’dan ir-rigward, il-Pakkett għall-Impjiegi taż-Żgħażaġħ ta’ Diċembru 2012, li jinkludi garanzija għaż-żgħażaġh, u l-proposta tal-Kunsill Ewropew għal Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, b’baġit ta’ EUR 6 biljun (2014-2020) għal reġjuni li għandhom livell ta’ qgħad fost iż-żgħażaġh ta’ aktar minn 25 %; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri biex jaħdmu mar-reġjuni sabiex jiżguraw li l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ tkun tabilħaqq komplementari u tibni fuq l-azzjonijiet reġjonali u nazzjonali eżistenti kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u tħalli effett tanġibbli permezz tal-garanzija għaż-żgħażaġh;

23. itenni għaldaqstant it-talba tiegħu lill-Istati Membri u, fejn jagħti l-każ, lill-gvernijiet reġjonali, biex minkejja l-pressjonijiet baġitarji, ma jhdux riskju fuq il-futur u jimplimentaw tnaqqis f’setturi (bħall-edukazzjoni u t-taħriġ) li huma l-pedament għat-tkabbir⁽²⁾ ta’ għada. Is-Semestru Ewropew jista’ jintuża biex jiġi żgurat li t-tnaqqis ma jolqotx lil dawk is-setturi li huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020; jinsisiti li l-Istati Membri li bħalissa jinsabu taħt pressjonijiet baġitarji severi ma jitħallewx barra;

Inħeġġu t-tagħlim miftuħ u flessibbli

24. iqis li huwa essenzjali li jinħolqu r-rabtiet bejn it-tagħlim informali u mhux formali u l-edukazzjoni formali. Jiġri ta’ spiss wisq li l-iżvilupp tal-kurrikulu fil-livell sekondarju jkun iffukat fuq il-kisba tal-infurmazzjoni, pjuttost milli jiffoka fuq it-tisħiħ tal-fehim, it-tagħlim ta’ ħiliet ewlenin u l-iżvilupp tal-ħiliet biex wieħed jiffaċja u jsib triqtu f’din id-dinja; jinnota li l-Istati Membri huma responsabbli biex ifasslu u jiżviluppaw kurrikula speċifiċi u biex jorganizzaw u jiffinanzjaw sistemi tal-edukazzjoni;

25. jitlob li dawn il-ħiliet prinċipali jitqiesu bħala ċentrali fir-reviżjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ: il-ħsieb kreattiv, il-komunikazzjoni, l-ipproċessar tal-infurmazzjoni, li wieħed ikun effettiv personalment u jaħdem mal-oħrajn; dawn il-ħiliet prinċipali jikkomplementaw u jiffaċilitaw l-akkwist tat-tmien kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁽³⁾;

⁽²⁾ CdR 290/2011.

⁽³⁾ Komunikazzjoni bil-lingwa materna; komunikazzjoni bil-lingwi barranin; kompetenza fil-matematika u l-ħiliet bażiċi fix-xjenza u t-teknoloġija; kompetenza diġitali; it-tagħlim dwar kif titgħallim; il-kompetenzi soċjali u ċiviċi; is-sens ta’ inizjattiva u intraprenditorija; l-għarfien u l-espressjoni kulturali.

26. jissottolinja li l-għalliema jiffaċċjaw domandi li jinbidlu malajr, u li hemm b'żonn sett ġdid ta' kompetenzi għall-għalliema, u għall-edukaturi u l-mexxejja tagħhom. Hemm b'żonn urġenti għal aktar xogħol dwar kif għandhom jiġu modernizzati l-metodi tat-tagħlim, jiġi żgurat li l-għalliema jibqgħu aġġornati bl-iżviluppi fis-suġġett tagħhom, u kif għandha tiġi identifikata u promossa l-eċċellenza fit-tagħlim, filwaqt li jiġi rispettata il-fatt li l-iżvilupp ta' qafas ta' kompetenzi għall-għalliema huwa kompetenza tal-Istati Membri;

27. jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati l-ħiliet bażiċi tajba billi jiġi assigurat li mill-bidu nett l-għalliema jagħtu prijorità lill-akkwist ta' dawn il-ħiliet u billi l-komunità lokali tiġi involuta fl-appoġġ attiv tal-integrazzjoni soċjali, pereżempju dawk li huma soċjalment żvantaġġati jew li għandhom kultura/edukazzjoni differenti. Fl-istess ħin, hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni tajba mal-komunità tan-negozju u, jekk neċessarju, irid jingħata wkoll appoġġ psikopedagogiku;

28. jissottolinja li fir-rigward tal-multilingwiżmu u litteriżmu medjatiku, il-partikolarità tal-bżonnijiet tat-tagħlim u l-kurrikula li jinbidlu malajr ħafna, hemm b'żonn ta' investimenti fl-istrumenti tat-tagħlim, sħubijiet b'ambitu usa' u viġilanza kontinwa. L-ICT illiberat potenzjal enormi biex jittejbu r-riżultati tat-tagħlim. Fxi każijiet, diversi strumenti ta' tagħlim u istruzzjoni, bħas-simulaturi u l-logħob, jistgħu jagħmluha possibbli li jinkisbu riżultati ta' tagħlim li huma ħafna aħjar minn dawk miksuba mill-użu esklużiv ta' tagħlim ibbażat fuq il-lezzjonijiet u materjal ta' illustrazzjoni konvenzjonali. Għalhekk jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jistabbilixxu rabtiet u oqfsa ta' kooperazzjoni mas-setturi tan-negozju u l-universitajiet lokali, biex ihegħu l-parteċipazzjoni tal-komunità lokali sabiex jifhmu l-bżonnijiet lokali u jiżdied iċ-ċans ta' impjieg tal-persuni f'taħriġ, u biex jipprovdu għall-edukazzjoni kontinwa tal-għalliema;

29. jirrikonoxxi l-kontribut effettiv li qed jagħti l-proċess kontinwu tal-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport għall-għanijiet strateġiċi tal-UE, b'mod partikolari għall-ksib tal-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020 u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg sostenibbli, speċjalment għaż-żgħażaġh;

30. jenfasizza wkoll il-funzjoni edukattiva, soċjali u soċjetali tal-isport bħala fattur importanti biex it-tagħlim isir aktar effettiv, tissaħħaħ il-kapaċità mentali, jittejjeb il-benesseri fiżiku tal-individwi, tittejjeb il-kwalità ġenerali tal-ħajja tal-individwi u titrawwem l-integrazzjoni armonjuża tas-soċjetà bis-saħħa tal-promozzjoni tal-valuri tat-tolleranza, il-ġustizzja u l-kooperazzjoni;

31. iwissi li filwaqt li l-evidenza tappoġġja bis-sħiħ edukazzjoni li tressaq l-attenzjoni tagħha fuq l-iżvilupp tal-ħiliet transversali, fil-fatt il-prattika attwali miexja fid-direzzjoni opposta.

Iqis li l-użu ta' ttestjar standardizzat madwar l-UE kollha, kif ukoll l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' metodi ta' tagħlim, simulaturi tat-tagħlim, "fabbriki tat-tagħlim" u affarijiet ekwivalenti huma ostakli kbar li jridu jingħelbu jekk irridu li s-sistemi edukattivi jtfasslu mill-ġdid favur l-iżvilupp tal-ħiliet għall-impjieg. Dawn iridu jiġu indirizzati. L-iżvilupp u l-akkwist ta' infrastruttura sikwit ikunu jeħtieġu investimenti kbar, iżda r-ritorn fuq dawn l-investimenti jkun tajjeb jekk dawn isiru b'mod strutturat;

32. jilqa' l-enfasi fuq ir-riżultati tat-tagħlim. Jisħaq dwar l-importanza li l-flessibbiltà u l-awtonomija jiġu bbilanċjati mat-trasferibbiltà u r-rikonoxximent reċiprodu tal-kwalifiki fir-reġjuni u l-pajjiżi Ewropej; għaldaqstant huwa interessat fl-implimentazzjoni bla dewmien ta' Żona Ewropea għall-Ħiliet u l-Kwalifiki, iżda jinnota pereżempju li l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki ma jwassal għal ebda dritt għar-rikonoxximent; f'dan il-kuntest, iwissi li m'għandux ikun hemm konfużjoni bejn l-istrumenti biex jinkiseb rikonoxximent minn naħa waħda u strumenti ta' trasparenza min-naħa l-oħra; dan jista' jkun il-każ bl-isforzi tal-Kummissjoni biex jinkiseb rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki li ma joħloqx diffikultajiet u garantit minn naħa għal oħra tal-fruntieri;

33. itenni l-fehma b'saħħitha tiegħu li l-UE mhux biss teħtieġ tħajjar parti akbar mis-soċjetà biex tkompli l-edukazzjoni u t-taħriġ, iżda teħtieġ wkoll tiġbed firxa usa' tas-soċjetà, inklużi l-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli⁽⁴⁾, u torganizza r-riżorsi biex twieġeb għal din l-isfida;

Nippromovu sforz kollaborattiv

34. jisħaq dwar l-importanza li mill-bidu nett ikun hemm strateġija maqbula b'mod orizzontali u sostenibbli fil-proċess ta' implimentazzjoni, u li tiżgura wkoll is-sinerġiji neċessarji bejn l-inizjattivi ewlenin kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020 li huma rilevanti, partikolarment l-Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjieg, Żgħażaġħ Attivi, Unjoni tal-Innovazzjoni, u Aġenda diġitali għall-Ewropa;

35. iffakkat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kellhom rwol importanti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jikkunsidra li huwa importanti li l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma jiġu implimentati fi sħubija bejn il-livelli differenti tal-gvern sabiex l-Istrateġija Ewropa 2020 tagħti dak li hu mistenni; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni ideali biex jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-ksib ta' dawn l-oġġettivi billi jiffaċilitaw il-ħolqien ta' ambjent favorevoli, jiżguraw il-komunikazzjoni aħharja u t-tqassim tal-informazzjoni permezz tan-netwerks tagħhom u jipprovdu d-data neċessarja għall-ippjanar u l-iżvilupp strateġiku futur;

⁽⁴⁾ CdR290/2011.

36. jisħaq dwar l-importanza ta' kundizzjonijiet ta' qafas li joffru appoġġ, partikolarment lil gruppi żvantaġġati u vulnerabbli u jenfasizza l-ħtieġa għal azzjonijiet konsistenti, fuq perjodu twil u bl-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex jintlaħqu wkoll l-iskejjel f'żoni ġeografikament u soċjalment żvantaġġati ħalli jittejbu l-kwalità tat-tagħlim u r-riżultati tiegħu, u biex tiżdied l-aspirazzjoni fost iż-żgħażaġh;

37. l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltajiet ewlenin għall-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u għandhom rwol importanti fl-oqsma tal-politika taż-żgħażaġh u l-impjiegi. Fil-qasam tal-iżvilupp ta' ħiliet transversali huwa importanti li fis-sistema edukattiva jitrawmu l-attitudnijiet u l-ħiliet taż-żgħażaġh biex jiksbu impjeg għal rashom permezz tal-iżvilupp ta' kwalitajiet personali bħal pereżempju il-kreattività, ir-responsabbiltà, it-teħid ta' riskji, is-soluzzjoni tal-problemi u x-xogħol f'tim;

38. jappoġġja approċċ fuq żewġ binarji – prijoritajiet għall-Istati Membri, u fl-istess ħin koordinazzjoni u kontributi fil-livell tal-UE, kif propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha. Jisħaq, fl-istess ħin, dwar il-bżonn għal azzjonijiet u miżuri adegwati u proprorzjonati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u Ewropew, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-livelli formali, informali u mhux formali u li jkunu jinkludu l-edukazzjoni, il-familja u l-komunità mas-sħubijiet mhux biss bejn l-iskejjel u n-negozji, imma wkoll ma' NGOs u tipi oħrajn ta' organizzazzjonijiet fis-soċjeta ċivili;

39. jissottolinja r-rwol ewleni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll il-valur miżjud tagħhom bħala attur u punt ta' kuntatt bejn id-dinja tat-tagħlim u d-dinja tax-xogħol, u jinsisti dwar il-bżonn li jitnaqqas id-distakk bejn ir-reġjuni, inklużi dawk li jinsabu fir-reġjuni periferiċi u dawk ultraperiferiċi, u li jittejbu l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ reġjonali u periferiċi; jenfasizza li l-gvern reġjonali, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-istituzzjonijiet edukattivi l-oħra u l-partijiet interessati ewlenin tal-ekonomija u s-soċjetà jistgħu jikkollaboraw b'mod siewi biex jilhqqu ftehim dwar għanijiet, politiki u prijoritajiet dwar l-iżvilupp tal-kapital uman li jikkonċernaw ir-reġjun. L-istrutturi ta' inkentiv għandhom jissaħħu biex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-persunal tagħhom jitħeġġu jieħdu sehem f'attivitajiet li huma ta' benefiċċju għall-iżvilupp lokali u reġjonali u f'attivitajiet intraprenditorjali;

40. ifakkar li huwa fil-livell sottonazzjonali li tista' tinġabar l-aktar informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar is-swieq tax-xogħol reġjonali u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol sinifikanti sabiex jidentifikaw id-diskrepanza fil-ħiliet, jipprovdur programmi adatti ta' taħriġ mill-ġdid u ta' taħriġ vokazzjonali, u jagħtu inkentiv għall-investment bi tweġiba għad-domanda lokali;

41. jenfasizza li l-probabbiltà ta' suċċess tikber jekk dawn l-oqfsa ta' kooperazzjoni jiġu mfassla bħala ċirku virtuż fejn: l-għoti tat-taħriġ ma jinjorax il-bżonnijiet konkreti tal-industrija u/jew tal-kummerċ eżistenti. L-istituzzjonijiet tat-taħriġ qed jikkollaboraw mill-qrib mas-settur privat u b'hekk jinħolqu sinerġiji u mekkaniżmi ta' feedback, u l-ħiliet imtejba tal-istudenti/adulti mħarrġa qed jiġu investiti mill-ġdid fir-riġenerazzjoni tat-territorju. Fir-rigward tal-istudenti żgħażaġh, it-titjib fil-livell tal-intraprenditorjat fuq perjodu twil ta' żmien jista' jiġi indirizzat permezz tal-iżvilupp ta' "attitudni ta' intraprenditorjat";

42. jemmen li huwa permezz tal-esperjenzi kreattivi u kollaborattivi fuq perjodu twil ta' żmien li ż-żgħażaġh jistgħu jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' ħiliet prinċipali sabiex isiru intraprendituri;

43. itenni l-appoġġ għall-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali li jimmiraw lejn il-ħolqien ta' mogħdijiet ġenwinament miftuħa mill-edukazzjoni vokazzjonali għall-edukazzjoni universitarja. Jappoġġja l-miżuri biex il-politiki tal-ETV jiġu allinjati mal-istrateġiji reġjonali/lokali għall-iżvilupp ekonomiku (jiġifieri għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, l-intraprenditorjat taż-żgħażaġh) u biex jiġu żviluppatti sħubijiet bejn l-edukazzjoni, in-negozju u r-riċerka;

44. jinnota li f'xi Stati Membri l-edukazzjoni vokazzjonali tista' tiġi stigmatizzata u meqjusa inferjuri għall-edukazzjoni f'università. Dan jeħtieġ jiġi indirizzat f'kull azzjoni fil-futur. Is-Sistema ta' Tagħlim Personalizzata żviluppata fis-snin desghin f'Poitiers hija pass ieħor fid-direzzjoni t-tajba – il-persuni kienu trattati bħala individwi u kien żviluppata pjan għat-tagħlim tagħhom skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' pjani ta' tagħlim maħsubin għal komunitajiet u timijiet qed isir dejjem aktar importanti. Jissottolinja li għandha tissaħħaħ ir-rilevanza tal-edukazzjoni għolja, imma wkoll dik tal-ETV, għas-suq tax-xogħol, u jinkoraġġixxi l-involvement ta' dawk li jħaddmu u tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol fit-fassil u l-implimentazzjoni tal-programmi. Fil-qosor, jeħtieġ li l-istudenti jkunu jistgħu jaraw il-vantaġġi tal-edukazzjoni vokazzjonali meta mqabbla ma' forom oħrajn, f'dak li jirrigwarda, pereżempju, l-oportunitajiet għall-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet, u b'hekk l-edukazzjoni vokazzjonali ma tkunx tfisser li jkollhom problemi biex jimxu 'l quddiem jew saħansitra ma jkollhomx iċ-ċans jagħmlu progress;

45. jitlob li dawn l-isforzi jsiru b'mod konġunt mal-awtoritajiet lokali u reġjonali għaliex huwa f'dan il-livell fejn ta' spiss jiġu identifikati għall-ewwel darba x-xejriet fil-ħiliet u l-impjiegi. Jissottolinja l-impenn tal-KtR biex jikkontribwixxi għall-allinjament tal-politiki tal-ETV mal-istrateġiji reġjonali/lokali għall-iżvilupp ekonomiku jiġifieri għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti;

46. jenfasizza li l-potenzjal sħiħ tal-UE biex tiżviluppa pjattaforma ta' appoġġ tal-IT u tas-servizzi tal-ICT fis-setturi pubbliċi u privati għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ, anke fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Is-sħubijiet pubbliċi-privati appoġġjati mill-UE bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-SMEs li jiżviluppaw l-ICT fil-qasam tas-servizzi pubbliċi tal-ICT jistgħu jkunu bażi eċċellenti li fuqha jinbnew il-ħiliet u l-għarfien lokali madwar l-UE. Jenfasizza l-potenzjal ta' żvilupp addizzjonali f'dan il-qasam billi jiġu stabbiliti ċentri reġjonali għall-ICT, proġetti ta' campus virtwali jew ċentri multimedjali għat-taħriġ;

47. it-taħriġ għall-iżvilupp tal-ħiliet huwa għan li ta' min ifaħħru. Iżda rridu noqogħdu attenti li ma jkunx hemm investiment fl-edukazzjoni biss biex tittejjeb il-produttività ekonomika fl-Ewropa. Ir-riżultat sfortunat ta' dan l-approċċ jista' jkun id-dgħajfen tas-saħħa mentali taż-żgħażaġh li jiġu kkunsidrati bħala protounitajiet ekonomiċi u li jiġu definiti biss skont il-kapaċità tagħhom li jagħtu kontribut ekonomiku lis-soċjetà. F'dan il-kuntest, jistħoqqlu jiġi appoġġat l-investiment ugwali fil-kreattività, fil-ħiliet prattiċi tal-ħajja, fil-ħiliet trasversali, fl-edukazzjoni kulturali u fil-ħiliet kinestetiki taż-żgħażaġh. Il-benefiċċji privati u pubbliċi tal-edukazzjoni jmorru lil hinn minn benefiċċji purament ekonomiċi. Pereżempju, l-ogħla livelli tal-edukazzjoni huma assoċjati ma' stennija itwal tal-għomor, rata ogħla ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet, u attitudni li tappoġġja aktar id-drittijiet ugwali għall-minoritajiet etniċi;

48. b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-miżuri jew l-azzjonijiet konkreti proposti jew adottati fil-livell tal-UE għandhom jiffokaw fuq dawh l-oqsma fejn hemm dimensjoni Ewropea b'saħħitha jew fejn huma involuti aspetti transnazzjonali li ma jistgħux jiġu regolati b'mod adatt mill-Istati Membri u/jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jkunu qed jaġixxu waħedhom;

49. jissottolinja l-bżonn ta' finanzjament u nfiq intelliġenti, effiċjenti u innovattiv fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex, fil-futur, dawn jirrispondu aħjar għad-domanda ta' espansjoni u sostituzzjoni b'impjiegi li jitolbu livell għoli ta' ħiliet, kif ukoll bil-għan li jiġu appoġġjati t-tkabbir u l-impjeg taż-żgħażaġh, u jinsisti li l-iżvilupp tal-politiki u l-implimentazzjoni tal-programmi għandhom jagħmlu użu mill-korpi lokali eżistenti eletti b'mod demokratiku. Iqis li l-użu tal-għarfien lokali u r-responsabbiltà demokratika ser itejbu l-mekkaniżmi ta' governanza għal sħubijiet bejn l-università, in-negozju u l-gvern lokali. Dan ser jippermetti li jiġu stabbiliti prijoritajiet u assenjati responsabbiltajiet fil-livell lokali b'rabta diretta mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

50. jenfasizza l-benefiċċji tal-ħolqien ta' sħubijiet lokali b'saħħithom billi tiġi adottata viżjoni sistematika u l-opportunitajiet ta' finanzjament differenti jiddaħħlu fi strateġija lokali jew reġjonali unika. Din l-istrateġija tkun tista' tqis alternattivi ta' politiki differenti għall-implimentazzjoni fil-livell lokali jew reġjonali:

— żvilupp ta' intelliġenza għall-interventi strateġiċi sabiex jiġu identifikati u sorveljati b'mod permanenti l-adattabilità, il-bżonnijiet u l-kwalità tal-forza tax-xogħol lokali (eż. osservatorju tal-ħiliet);

— kooperazzjoni mas-settur tan-negozju biex jifassal taħriġ vokazzjonali adattat għall-ħtiġijiet tas-suq u biex jifassal taħriġ apposta skont l-ambjent kummerċjali;

— kooperazzjoni mal-aġenti lokali (edukattivi u tat-taħriġ), pereżempju biex jingħata inċentiv liċ-ċentri lokali tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lill-aġenziji lokali tax-xogħol għall-introduzzjoni ta' tekniki edukattivi ġodda fit-tagħlim elettroniku, għat-titjib tal-litteriżmu medjatiċi u l-multilingwiżmu, u biex jingħataw opportunitajiet ta' xogħol indaqs lill-popolazzjoni li hija soċjalment żvantaġġata;

— kooperazzjoni mas-setturi tal-edukazzjoni u tan-negozju (mill-edukazzjoni primarja sal-edukazzjoni għolja) sabiex jiġi żgurat proċess kontinwu għat-tagħlim tal-lingwi. L-għażla tal-lingwi tista' tkun ibbażata wkoll fuq il-bżonnijiet identifikati mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'konsultazzjoni mad-dinja tan-negozju;

— tftitxja ta' appoġġ lill hinn mir-reġjun bl-għaqda tal-forzi flimkien mar-reġjuni li jiffaċċjaw problemi simili u bl-użu tal-finanzjament tal-UE;

Kwalunkwe strateġija bħal din għandha tkun imsejsa sew fuq it-tliet għanijiet ġenerali relatati mal-edukazzjoni u t-taħriġ: l-istinkar għall-eċċellenza, l-iżgurar ta' aċċess universali u li jiġi limitat in-numru ta' każijiet ta' tluq bikri mill-iskola;

51. jitlob għall-involvement sistematiku u kontinwu tal-atturi lokali u reġjonali, inklużi l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, fil-pjattaforma tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, u fl-iżvilupp tal-pjani integrati ta' żvilupp lokali/reġjonali;

52. jisħaq fuq l-importanza kruċjali tal-attivitajiet lokali u reġjonali u fl-istess ħin jistenna bil-ħerqa li jara proposti aktar speċifiċi mill-Kummissjoni Ewropea dwar kif jista' effettivament jitnaqqas id-distakk bejn il-potenzjal tal-ICTs u Riżorsi Edukattivi Miftuħa fuq naħa waħda, u s-sistemi eżistenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ fuq in-naħa l-oħra; jirrikonoxxi li r-riżorsi tal-edukazzjoni miftuħa jistgħu jikkomplementaw b'mod siewi r-riżorsi tal-edukazzjoni konvenzjonali; għad irid jiġi ċċarat kif tista' tiġi assigurata garanzija tal-kwalità kontinwa u komprensiva dwar il-kontenut tar-riżorsi tal-edukazzjoni miftuħa, b'tali mod li r-riżorsi joffru valur miżjud lill-għalliema;

53. il-KtR iqis li għandha tingħata aktar importanza lir-“rwol distint li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu bħala impjegaturi, fornituri ta' servizzi u regolaturi fil-promozzjoni tat-tkabbir u l-koeżjoni u fil-koordinazzjoni tas-sħubijiet strateġiċi bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-aġenziji tal-intrapriżi u l-intrapriżi fir-reġjuni rispettivi tagħhom”. Fil-fatt, l-awtoritajiet lokali u reġjonali qed jieħdu sehem dejjem akbar fil-politiki dwar l-edukazzjoni però ma jeżisti l-ebda approċċ universali li jista' jggarantixxi t-titjib tal-prestazzjoni edukattiva. Fi kliem aktar speċifiku, għalkemm bħalissa hemm biżżejjed għarfien biex jiġu ggwidati d-deċiżjonijiet (il-kwalità tal-ġhalliema, l-indipendenza istituzzjonali u r-riżorsi fost l-aktar importanti), l-għażliet għall-awtoritajiet lokali u reġjonali jiddependu mill-karatteristiċi soċjoekonomiċi tagħhom, l-awtonomija tagħhom fir-rigward tas-sistema nazzjonali u l-prestazzjoni (u r-reputazzjoni) tagħhom fil-passat fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

54. ifakkar li huma l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom kuntatt dirett u l-aħjar fehim tar-realtajiet fil-lokal, u li

huma fl-aħjar pożizzjoni biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politiki u l-implimentazzjoni tal-programmi f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

55. jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tinvolvi l-partijiet interessati biex tmexxi 'l quddiem l-istrateġija proposta għar-“Reviżjoni tal-Edukazzjoni” fi sforz konġunt għal riforma u jafferma l-interess tiegħu biex titkompla l-ħidma mal-Kummissjoni Ewropea u msieħba oħrajn fil-qasam. Din il-kooperazzjoni għandha tkopri l-oqsma kollha fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltajiet speċifiċi, inklużi, imma mhux limitati għall-allinjament tal-politiki tal-ETV mal-istrateġiji reġjonali/lokali għall-iżvilupp ekonomiku li diġà jissemmew fil-Komunikazzjoni.

Brussell, 12 ta' April 2013.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Ramón Luis VALCÁRCEL SISO